*-kontumaċja*

*-Qorti ma tagħmilx tajjeb għan-nuqqasijiet tad-difiża*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 9 ta' Diċembru 2021.**

**Rikors Nru. 292/2021 GM**

**WM Environmental Limited (C 53505)**

**vs**

**Kunsill Lokali Mosta**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' WM Envioronmental Limited (C 53505) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

Is-soċjeta' esponenti topera negozju fil-qasam tat-tindif.

Wara sejħa għall-offerti maħruġa mill-konvenut, ġiet magħżula sabiex tippresta servizzi in linea mas-sejħa għall-offerti KLM/T/02/2015 *"Tender for planting, cleaning and maintenance of parks, gardens and soft area using environmentally friendly products and practices"* Il-

Kunsill konvenut obbliga ruħu li versu dan l-appalt iħallas mensilment lis-soċjeta' esponenti s-somma ta' €2,446.25 inkluż il-VAT.

Apparti dan is-servizz, kienet tippresta wkoll servizz ta' knis ta' toroq ġewwa l-lokalita' tal-Mosta. Dan l-appalt kien preliminarjament ingħata żmien ilu skont sejħa għall-offerti oħra. L-appalt baqa' jiġi eżegwit mis-soċjeta' esponenti anke wara li skada l-perjodu li kien imsemmi fis-sejħa għall-offerti. Il-Kunsill konvenut obbliga ruħu li versu dan l-appalt iħallasha kull xahar is-somma ta' €6,403.95 inkluż il-VAT;

Il-konvenut baqa' moruż fil-ħlas ta' €44,251 hekk kif jidher mill-prospett anness u mmarkat bħala Dok. "A" konsistenti:-

i. F'ħames pagamenti għax-xhur minn Mejju sa Settembru 2018 fis-somma ta' €12,231.25 inkluż il-VAT in kwantu għas-sejħa għall-offerti KLM/T/02/2015.
ii. F'ħames pagamenti għax-xhur minn Marzu sa Lulju 2018 fis-somma ta' €32,019.75 inkluż il-VAT in kwantu għall-appalt tal-knis.

Dan minkejja li ġie interpellat iħallas l-ammont dovut permezz tal-ittra uffiċjali 4907/2019 (Dok. "B").

Isegwi għalhekk li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' €44,251 oltre l-imgħaxijiet dovuti skont il-liġi, liema dejn huwa ċert, likwidu u dovut u sa fejn taf l-esponenti, il-Kunsill konvenut m'għandu l-ebda eċċezzjoni valida x'jissolleva f'din il-kawża.

Ir-raġuni ta' din it-talba hi li l-Kunsill konvenut għandu jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' €44,251 rappreżentanti bilanċ dovut għal żewġ appalti reżi mill-esponenti u billi jeżistu l-massimi li trid il-liġi, din il-kawża tista' tiġi trattata u deċiża bil-proċedura sommarja speċjali anke għaliex dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut sa fejn taf l-esponenti. Il-

Kunsill konvenut m'għandu ebda eċċezzjoni valida x'jissolleva f'din il-kawża.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tisma' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur l-Artikolu 767 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-Kunsill Lokali ntimat iħallas is-somma ta' €44,251.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 4907/2019 u bl-imgħax dovut skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Rat li l-konvenut ippreżenta Risposta Ġuramentata u kontro-talba mingħajr ma kien awtorizzat jagħmel dan mill-Qorti fi proċediment a tenur tal-Art. 167 tal-kodiċi ritwali u għalhekk ġew sfilzati mill-Qorti.

Rat li b'danakollu l-Qorti kienet sodisfatta prima facie li l-konvenut kellu eċċezzjonijiet x'jagħti u għalhekk tagħtu żmien biex jippreżenta Risposta Guramentata mill-ġdid.

Rat li minkejja dan, il-konvenut ma ppreżentax ir-Risposta Guramentata u l-Qorti ddikjaratu kontumaċi.

Rat il-provi mressqa mill-attriċi li jikkonsistu fir-Rikors Maħluf, prospett tax-xogħol li allegatament għamlet l-attriċi, kopja tal-ittra uffiċjali minnha mibgħuta lill-konvenut, u talba mill-attriċi biex tikkonferma li l-ammont ta' €44,251 kien dovut lilha, anke jekk għall-fini biss tal-awditjar tal-kotba tal-konvenut[1], kif ukoll id-deposizzjoni tas-Segretarja tal-Kunsill konvenut li xehdet li kellu lmenti dwar xogħol ħażin.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut li tikkonsisti f'difiża għall-kontumaċja – li diġa` ġiet iddikjarata mill-Qorti; dikjarazzjonijiet fis-sens li min

[1] Fol 26.

hu kontumaċi jkun qed jopponi t-talbiet u mhux jammettihom; u allegazzjonijiet dwar xogħol ħażin li ma jirriżultax mill-provi.

Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi ppruvat sodisfaċentement il-kreditu tagħha permezz ta' xhieda u dokumenti. L-allegazzjonijiet dwar xogħol ħażin esegwit mill-attriċi ma ġewx ippruvati mill-konvenut, anke għaliex baqa' kontumaċi. B'riferenza għal ċerti lmenti mressqa mill-konvenut, din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tiegħu li filwaqt li trid tkun moralment sodisfatta mill-provi mressqa mill-attriċi, min-naħa l-oħra hi mhix qiegħdha hawn biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tad-difiża. Il-Qorti kellha toqgħod tisfilza atti li l-konvenut ippreżenta irritwalment; u, wara li tatu l-opportunita` jiddefendi ruħu, baqa' kontumaċi.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tikkundanna lill-Kunsill konvenut iħallas is-somma ta' €44,251 għal servizzi resi lilu mill-attriċi kif spjegat fir-Rikors Guramentat bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 4907/2019 u bl-imgħax dovut skont il-liġi mid-dati li fihom sar dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA

IMĦALLEF